

- 2) L-EUIPO għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn *Casual Dreams, SLU*, inklużi dawk sostnuti minnha fil-kuntest tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

⁽¹⁾ ĠU C 95, 27.3.2017.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-31 ta' Mejju 2018 – Consorzio di garanzia dell'olio extra vergine di oliva di qualità vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-163/17) ⁽¹⁾

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kampanji promozzjonalni simultanji taż-żejt taż-żebbuġa f’pajjiżi terzi, waħda, iffinanzjata mill-FEAG u intiża għall-promozzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li ġej mill-Ewropa, l-oħra, iffinanzjata mill-FAEŻR u intiża għall-promozzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li ġej minn Spanja —

Nuqqas ta' koordinazzjoni bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni inkarigati mill-ġestjoni taż-żewġ programmi — Dannu materjali — Telf tal-kuntratt u lucrūm cessans — Dannu morali — Ħsara għall-immaġni kummerċjali”)

(2018/C 249/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Consorzio di garanzia dell'olio extra vergine di oliva di qualità (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment A. Fratini u G. Pandolfi, sussegwentement A. Fratini avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lewis, D. Bianchi u F. Moro, aġenti)

Sugġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għall-kisba ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab essenzjalment minħabba n-nuqqas ta' koordinazzjoni tad-dipartimenti tal-Kummissjoni inkarigati mill-ġestjoni tal-kampanji promozzjonalni taż-żejt taż-żebbuġa Ewropew u taż-żejt taż-żebbuġa Spanjol f'pajjiżi terzi (l-Indja, ir-Russja u ċ-Ċina), ikkofinanzjati minn fondi Ewropej, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' eliminazzjoni tad-distorzjonijiet tal-kompetizzjoni u effetti dannużi li rriżultaw minn dan.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Consorzio di garanzia dell'olio extra vergine di oliva di qualità għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 129, 24.4.2017.